# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 3 ta' Marzu 2022**

**Rikors Guramentat Numru: 196/2018/2 JPG**
**Kawza Numru: 19**

**JP**
**Vs**
**MP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-intimata datat 24 ta' Settembru 2019 fejn wara li ddikjarat dak premess, talbet:

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghda bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tohrog Ordni ta' Protezzjoni a favur tal-esponenti kontra s-Sur JP u dan stante l-atti ta' vjolenza domestika kommessi minnu, u*

2. *Tordna li jigi projbit u jigi ristrett l-access fil-fond su indikat bhala dar Matrimonjali, lis-Sur JP, u dan sabiex ir-rikorrenti tkun tista thalli s-shelter ghall-persuni vittma ta' vjolenza domestika u tirritorna lura tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali,*

3. *Tindika iz-zmien sabiex is-Sur JP jivvaka l-fond imsemmi;*

4. *U dan that dawk il-provvedimenti li din il-Qorti thoss li huma xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JP datata 11 ta' Ottubru 2019, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok l-attur jissottometti illi huwa qatt ma gie kkundannat darbtejn minn Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali hekk kif qeghda tallega l-konvenuta u dan ghaliex il-kaz jinsab fi stadju t' appell. Jigi rilevat illi l-konvenuta ghamlet diversi rapporti tal-pulizija foloz u dan biss sabiex titfa' dell ikrah fuq l-attur zewgha, minghajr ma' gew imressqa ebda provi ghal dawn l-allegazzjonijiet.*

2. *Illi fir-rigward tal-fond gewwa Marsaskala, indikat bhala d-dar matrimonjali, dan il-fond inxtara esklussivament mill-attur, u dan ghaliex il-flus kollha illi kienu ntuzaw f'din it-transazzjoni gew minn bejgh ta' proprjeta' parafernali tal-attur gewwa l-Inigilterra u ta' dawn it-transazzjonijiet l-atur ghandu provi cari (hawn anness u mmarkat Dok JPP A). Il-konvenuta ma' kkontribwiet bl-ebda mod finanzjarju ghal dan ix-xiri.*

3. *Illi l-fond parafernali tal-attur msemmi fil-paragrafu precedenti, fl-indirizz "Flat 18, Elmcroft Drive, Church Road, Ashford, Middlesex, TW15 2PQ" inxtara mill-attur fl-20 ta' Mejju 2013, allura qabel iz-zwieg, u inbiegh fit-22 ta' Settembru 2015 sabiex ikun jista' jixtri l-fond gewwa Marsaskala. Minhabba l-fatt illi dak iz-zmien l-attur kien ghad ma kellux kont bankarju f'Malta, kien jghaddi l-ammont ta' €38,705.98c fil-kont tal-konvenuta sabiex setgha jhallas ghall-ghamara tal-fond hekk mixtri (hawm anness u mmarkat Dok JPP B), u kien biss fl-20 ta' April tas-sena 2016 illi l-attur fetah kont bankarju mal-bank HSBC Bank (Malta) plc.*

4. *Illi jinghad illi l-konvenuta sa' mill-21 ta' Dicembru 2016 bdiet titrsaferixxi ammonti ta' flus minn gol-imsemmi kont bankarju taghha, illi kif inghad kienu flus illi kien baghtila l-attur sabiex jintuzaw ghax-xiri tal-ghamara tal-post, ghall-kont personali taghha (kont bankarju numru 023-123193-50) u kollu*

*ghamliku minghajr il-permess jew l-gharfien tal-attur (hawn anness u mmarkat Dok JPP C).*

5. *Illi wara li dawn l-ammonti bdew jigu trasferiti, kif inghad bil-mohbi tal-attur, il-konvenuta bdiet titlef kull interess fiz-zwieg taghhom u wara biss 14 il-xhar taz-zwieg bdew il-problemi bejn il-kontendenti li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg.*

6. *Illi l-konvenuta ma kkontribwiet bl-ebda finanzjarju la fix-xiri tal-post, la fix-xiri tal-ghamara u l-anqas ghall-ispejjez tal-hajja ta' kuljum, madanakollu xorta wahda sallum il-gurnata l-konvenuta ghadha tokkuppa kamra shiha minn gol-fond matrimonjali li hija msakkra u hi biss ghandha cavetta taghha.*

7. *Illi l-konvenuta tistqarr illi qeghda tghix gewwa shelter izda ghada sallum qatt ma' wriet provi ta' dan u lanqas ma ipprovdit dettalji jew indirizz ta' dan is-shelter illi tghid li qeghda tirrisjedi gewwa fih.*

8. *Illi kif inhu car, id-dar matrimonjali nxtrat bi flus parafernali tal-attur u ghadqstant hija d-dar parafernali tieghu u m'ghandux jigri illi l-attur jispicca fit-triq minhabba allegazzjonijiet foloz illi jsiru mill-konvenuta biss biex jintefa dawl ikrah fuq l-attur.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghat it-trattazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

***Elaine Pavia, Head of Home u Administrator ta' Dar Merhba Bik xehdet permezz ta' affidavit a fol 281***, fejn spjegat illi l-intimata ilha tirrisjedi f' Dar Merhba Bik mis-17 ta' Lulju 2018.

***L-attur xehed ukoll viva voce quddiem dina l-Qorti nhar l-24 ta Gunju 2020.*** Huwa spjega illi huma zzewwgu nhar il-25 ta' Lulju 2015 u li huwa nizel lura Malta f'Ottubru tas-sena 2015. Fir-rigward tal-propjeta f'Wied Il-Ghajn, l-attur jispjega illi huma kienu raw din il-propjeta f' Gunju tas-sena 2015 u li l-bejgh imbaghad kien sar f'Settembru tas-sena 2015. Izid illi din il-propjeta inxtrat mir-rikavat tal-bejgh tal-propjeta tieghu gewwa r-Renju Unit. Illi l-pagamenti necessarji saru permezz ta' money corp peress li kienu joffru rati ta' skambju vantagguzi, li marru direttament ghand in-Nutar.

L-attur jishaq illi l-problemi bejnu u martu bdew meta din talbitu d-divorzju u cioe fis- 17 ta' Jannar 2018 u dan fiz-zmien li huwa kien qieghed l-isptar minhabba li kellu infjammazzjoni mal-qalb. Izid illi wara ghaxar minuti li wasal id-dar mill-isptar, qaltlu li riedet id-divorzju, minghajr ma tatu raguni. Jirrileva illi qatt ma kien hemm problemi jew argumenti bejniethom u ghalhekk baqa ma jistax jifhem ghalfejn talbitu d-divorzju. Mistoqsi jekk jixrobx jew jaghmilx uzu minn drogi b'mod rikreazzjonali, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk jikkontrollax it-temperament tieghu, l-attur jispjega illi qatt ma jmur oltre milli jgholli lehnu.

Mistoqsi x'kienet ir-reazzjoni tieghu ghal dak li talbitu martu, l-attur jispjega illi huwa kien ixxokjat, tant li sahtu marret lura u filfatt kien tilef hafna piz fi ftit zmien. Izid illi l-intimata imbaghad bdiet tipprova ttih fastidju u tipprovokah billi tallega diversi affarijiet fil-konfront tieghu. Jispjega illi dakinhar stess li nfurmatu li trid id-divorzju, marret torqod fl-*ispare bedroom*, filwaqt li huwa baqa fil-main bedroom. Jixhed ukoll illi sakemm kien l-isptar, martu kienet marret tarah xi darbtejn. Muri l-ittra a fol 4 fl-atti tar-rikors 196/2018/2, l-attur jispjega illi dik kienet ittra li huwa kiteb bejn Frar u Marzu fejn prova jirrikoncilja mal-intimata. B'referenza ghal dak miktub minnu, l-attur jixhed illi wara li kienet qaltlu li trid id-divorzju inghadu certu kliem u saru certu allegazzjonijiet fis-sahna tal-mument. Ix-xhud jikkonferma illi hu minn dejjem kien ihobbha lill-intimata u li kien lest li jiehu t-tort ta' kollox purche jergghu jirrikonciljaw. Izid illi jikkoncedi li setgha ha lill-intimata *for granted* u ma kienx kumplimentuz, u li ma kienx imid idejh fil-facendi tad-dar. L-attur jinnega li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' martu izda l-attitudnijiet rispettivi taghhom inbiddlu wara li l-intimata talbitu d-divorzju, tant li bdiet tipprovokah billi bdiet tohodlu rigali li kienu tawhom xi hbieb u li kienet iccempel lill-pulizija biex iggibu fl-inkwiet bhal meta allegat li sakkarha barra mentri fil-verita ma setghatx tiftah ghaliex kellu ic-cavetta fis-serratura minn naha ta' gewwa, flok cemplet il-qanpiena.

***In kontro-ezami, nhar id- 29 ta' Ottubru 2020*** mistoqsi jekk il-problema principali bejnu u martu kinitx relatata mal-fatt li hu kien qieghed jahseb li martu hbiet il-flus li kien ta, l-attur jishaq illi dan mhux minnu pero hu ma kellu l-ebda mezz sabiex jiccekja fejn dawk il-flus kienu spiccaw peress li hi qatt ma taghtu access ghall-istatements tal-kontijiet taghha. Jispjega illi qabel is- 17 ta Jannar tas-sena 2018 qatt ma kien hemm argumenti bejniethom u jikkonferma li kien anke kiteb dik l-ittra u li fl-ittra jikteb li setgha mexa b'mod differenti fejn jidhlu facendi tad-dar, u li probabbilment kien johodha *for granted*.

Fir-rigward id-depoziti maghmula minnu, l-attur jispjega illi huwa kien iddepozita l-ammont ta' EUr 45,000 fil-kont tal-attrici u dana peress li huwa ma setghatx jiftah kont bankarju Malta peress li ma kienx ghadu residenti Malta. Illi din is-somma kellha tintuza sabiex tixtri l-ghamara ghall-propjeta li xtraw f' Wied il-Ghajn. Illi peress li dan id-depozitu sar f'kont personali tal-intimata huwa ma setghatx jsir jaf fejn dawn il-flus effettivament kienu marru, u sal-llum ma jafx x'sar minnhom. Illi ghalkemm inxtrat xi ghamara u kien anke ra l-ircevuti, ma kellux informazzjoni ulterjuri. L-attur jikkonferma illi l-propjeta inxtrat bil-flus tieghu u li l-istess propjeta qieghda fuq ismu. L-attur jispjega ukoll illi huwa dejjem ghex r-Renju Unit u gie Malta f'Ottubru tas-sena 2015.

Meta kien jitlobha jara kemm intefqu flus sabiex giet arredata l-propjeta f'Wied il-Ghajn, martu qatt ma taghtu rendikont. Ix-xhud jikkonferma illi erbatax (14) – il xahar wara li xtraw il-propjeta, huma sseparaw. Jispjega illi martu telqet mid-dar b'mod gradwali, fejn gieli kienet taghmel gurnata l-boghod mid-dar, u gieli gimgha u anke xahar. F'Lulju tas-sena 2019, l-intimata ma baqatx tmur lura d-dar. Illi dak iz-zmien huma ma baqghux jitkelmu bejniethom.

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 350 et seq)*** u filwaqt li tikkonferma li huma kugini primi, tispjega illi dak iz-zmien li beda l-iskambju ta' messaggi mal-attur, hija kienet separata u kienet qieghda tirrisjedi m'ommha. Illi darba minnhom omm l-attur cemplet lill-omma l-intimata u qaltila li l-attur kien qieghed ihossu ddispjacjut wara relazzjoni ohra falluta. Minn hemm hija bdiet tikkorrispondi mieghu. Illi f'April tas-sena 2013 missier l-attur kien hallaslu passagg ghal Malta fejn ghamel gimgha. Illi f'Mejju tal-istess sena hi telghat r-Renju Unit ghal gimghatejn u minhemmhekk l-attur talabha tmur tghix mieghu bhala koppja. Illi filfatt f'Gunju marret l-lura r-Renju Unit. F'Ottubru huwa kien propona u hija accettat.

Tispjega illi l-attur inbidel hekk kif izzewwgu – b'dana illi beda jabbuza mill-intimata b'mod psikologiku u anke fiziku u spiccat priguniera f'darha stess. Tinnega li hija kienet tghix minn fuq l-attur, u filfatt tispjega li kienet ittrasferiet il-pensjoni tal-Awstralja gewwa r-Renju Unit u kienet anke ssajjar, tahsel u tnaddaf sakemm huma ghexu bhala koppja mizzewga ghal sentejn.

Tixhed illi ommha mietet gimghatejn qabel it-tieg taghhom, u kienu nizlu Malta ghall-funeral. Illi qabel marru lura l-Ingilterra, kienu marru jaraw penthouse f'Wied il-Ghajn li kienet ghogbithom u kienet ghaddiet elf euro (EUR 1000) lill-attur mill-flus taghha ghad-deposit fuq il-*penthouse*. Illi wara t-tieg kienu nizlu lura Malta minhabba l-konvenju imbaghad ghall-kuntratt finali. Illi isimiha qatt ma tnizzel fuq il-kuntratt ghaliex l-attur ma riedx. Illi filfatt sussegwentement, meta l-intimata xtaqet li taghmel testment u kienu marru ghand nutar iehor, kienu infurmawhom illi l-kuntratt tal-akkwist tal-penthouse kellu jerga jsir ghaliex minghajr l-isem u l-firma tal-intimata, id-dar ma setghatax tinbiegh.

Izid illi darba minnhom l-attur kien haraq il-kopji tal-files medici taghha u anke ritratti tal-genituri taghha. Tispjega illi hi ma tistax tifhem x'setgha gara, meta hi dejjem urietu rispett u imhabba.

Taghmel referenza ghall-episodju fejn waqt li kienet qieghda tinhasel, u marret biex iserrah mar-railing ta' mal-banju, din inqalghet minn postha. L-intimata tishaq illi l-attur ried li hija twegga hi u sserrah ma' din ir-*railing*. Izzid illi kien jghixu biss bil-pensjoni taghha, ghaliex hu qatt ma taha "*penny*" u kien anke sforzaha ttih id-dettalji tal-*online banking* taghha. Illi minkejja li fi zmien l-Ghid tas-sena 2017 kien kitbilha ittra fejn talab apologija, l-ghada ghamillha hsara fl-ornamenti li l-intimata kellha lest ghat-tieg ta' bintha, waddbilha l-*iron board* u l-*clothes dryer* ghall-sieqha. Illi l-intimata spiccat biex cemplet lill-pulizija u li kienu gew imedjatament u r-ragel t'ohtha kien hadha l-*health centre*.

Illi minkejja li kienet titolbu sabiex meta jigu l-hbieb tieghu minn barra johodhom f'hotel, l-attur xorta wahda kien johodhom id-dar, b'dana illi l-intimata kien ikollha ssajrilhom, u tahsilhom u dana minkejja li hija kienet tkun muguwha. Illi meta kienu telghu l-Ingilterra biex taghmel operazzjoni biex tnehhi l-*ispinal cord simulator*, l-attur kien irrifjuta li jgib *taxi* tant li minkejja li hija kienet muguwa, kellha timxi sal-isptar. Illi wara l-operazzjoni saret taf illi l-attur kien gie rimborsat tal-ispejjes u aktar peress li din l-operazzjoni kienet *trial*. Illi filwaqt li

hi ma setghat tmur mkien wahida, l-attur kien gieli anke jaghmel iljieli shah barra. Izzid illi kienet anke uzat parti mis-somma li wirtet wara l-mewt t'ommha sabiex ghamlu s-*solar panels*, u cioe Eur 3,800, illi minkejja dan l-attur irrifjuta li jaghtiha r-rebate tal-gvern. L-attur kien anke abbuziv mal-kelba taghha, tant li darba minnhom kellha tiehdu ghand il-Vet wara li l-attru kien tah daqqa ta'sieq. Illi meta l-konvenuta kienet ddum timxi bil-kelb ghal iktar minn hmistax – il minuta, l-attur kien jakkuzaha li kellha wicc haddiehor. Izzid illi l-attur jisthi jimxi maghha meta tkun qieghda taghmel uzu mill-*walking frame* u kien jaghmel minn kollox id-dar sabiex johloq l-istorbju u jaghtiha fastidju. Izzid illi hija telqet mid-dar wara li kienet sabet li l-affarijiet fil-kamra tas-sodda taghha kienu imniffda b'sikkina. Hija kienet cemplet lill Appogg u fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha telqet mid-dar.

***In kontro-ezami nhar is- 27 ta' Jannar 2021 (vide fol 360 et seq)*** l-intimata ikkonfermat illi huma zzewwgu nhar il-25 ta' Lulju 2015 l-Ingilterra u li hija nizlet Malta f'Settembru filwaqt li l-attur nizel gimghatejn wara. Illi meta nizlet mill-Ingilterra, kienu ghamlu zmien jghixu fid-dar t'ommha sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2015. Illi lejliet l-ewwel tas-sena marru jirrisjedu fil-penthouse f' Wied il-Ghajn. Tispjega illi hija telqet mid-dar matrimonjali fis-17 ta' Lulju 2018 tikkonferma illi l-attur beda jsakkarha d-dar wara li marru joqghodu Wied il-Ghajn u cioe wara Jannar tas-sena 2016. Tirrileva illi hija ghamlet l-ewwel rapport mal-Pulizija bejn Marzu u April tas-sena 2018 u tinsisti li hi qatt ma talbet lil zewgha ghas-separazzjoni izda kien hu li talabha d-divorzju. Tispjega illi l-attur kien ghadu kif hareg mill-isptar, u dan kien fl- 14 ta' Jannar 2018, u huwa kien ghamel erbat ijiem l-isptar u dana peress li kienu sabulu l-ilma mal-qalb. Meta wasal id-dar kienet qaltlu biex imur jiehu *shower* ghaliex sakemm dam l-isptar ma kienx inhasel u hu qalilha li ma riedx u baqa jinsisti. Hi qaltlu li ma kellhiex aptit toqghod targumenta mieghu u li kienet sejra torqod fl-*ispare bedroom*. L-ghada qalilha li ried id-divorzju u hi qaltlu li hawn Malta l-ewwel trid tottjeni is-separazzjoni. Tispjega illi l-attur baqa jistaqsiha meta kien ser jircievi minghand l-avukat taghha u dana peress li huwa kien qieghed jippretendi li ser jircievi xi ittra minghand l-avukat tal-intimata stante li l-attur ried lill-intimata tibda l-proceduri relattivi. Tispjega illi sussegwentement hija kienet marret ghand avukat u bdiet il-proceduri relattivi u li dan kien fi Frar tas-sena 2018. Infatti, tiftakar li meta ghamlet l-ewwel rapport f' April tas-sena 2018, lill-pulzija kienet qaltilhom li kienu diga bdew proceduri ghas-separazzjoni.

Tikkonferma illi hija bdiet is-separazzjoni ghaliex hu qalilha biex tibdiha. Tikkonferma illi pero l-attur kien diga qieghed jezercita abbuz mentali u fiziku fuqha u ma setghatx tissaporti

aktar. Illi fir-rigward tal-pensjoni mill-Awstralja tghid li hija kienet qieghda titlef l-flus minhabba r-rata tal-iskambju u ghalhekk fuq parir tal-intimat kienet fethet kont gewwa r-Renju Unit u minnu kienet tigbed il-pensjoni tal-Awstralja u kienet tuzaha biex tghix sakemm damu l-Ingilterra u fiflatt tinsisti li hija kienet tixtri l-ikel u thallas il-gas, filwaqt li l-attur kien ihallas il-mortgage, dawl, counsel tax u kontijiet telefonici.

Tikkonferma illi apparti l-elf ewro li hija harget, id-dar f' Wied il-Ghajn thallset mill-attur. Tinsisti illi l-elf ewro hargu mill-kont bankarju. Tmien mitt euro li kien taha huha (|Eur 800) u mitejn (Eur 200) ewro ohra mill-flus li kienet gibdet qabel ma nizlu Malta. Illi meta marru jaraw din il-*penthouse* qabel telqu lura ghall-Ingilterra, din kienet ghogbithom u l-attur kien qalilha biex dawk l-elf ewro (Eur 1000) titfahom fuq il-penthouse u filfatt hekk ghamlet.

L-intimata tikkonferma illi l-propjeta li kienu jirrisjedu fiha gewwa l-Ingilterra kienet propjeta tal-attur u li din inbieghet u li mill-flus tal-bejgh l-attur xtara il-penthouse. Izzid illi isimha qatt ma tnizzel fuq il-kuntratt minkejja li kienet il-mara tieghu. Tispjega illi kien joqoghod jghid f'wiccha illi d-dar tappartjeni lilu biss. Fir-rigward tat-testment, tikkonferma illi huma ghamlu zewg testmenti separati ghand in-Nutar Joseph Tabone f' Santa Venera, fejn l-attur hallilha nofs id-dar. Illi pero' wara li telqu minghand in-Nutar, l-attur kien irrabjat minhabba l-fatt li n-nutar qallu li isem l-intimata kellu jitnizzel fil-kuntratt tal-akkwist.

***Riprodotta nhar l-10 ta' Gunju 2021 (vide fol 391et seq)*** l-intimata spjegat illi l-attur kien ilu minn Frar tas-sena 2018 ma jhalliha tuza is-shower li kien hemm fil-*main bedroom* u dana ghaliex beda jahseb li kienet ser tiehu xi haga minn din il-kamra. Tikkonferma illi din il-kamra kienet tkun imsakkra. Konfrontata bid-domanda li hi ma kienitx tiehu pjacir tinhasel hemm peress li l-attur setgha jidhol f'din il-kamra kull hin, twiegeb illi kieku kienet isakkar il-bieb tal-bathroom. Izzid illi qabel ma bdew il-proceduri, l-attur ma kienx isakkar il-bieb kien biss wara li nbdew il-proceduri li qabad isakkar il-kamra ghal habta ta' April meta beda jsir difficli hafna. Mistoqsija dwar l-ewwel rapport li hija ghamlet mal-Pulizija fil-konfront ta'zewgha, ix-xhud tixhed illi dan ir-rapport sar minhabba l-fatt li zewgha beda jghajjara, ma hallhiex tuza s-shower, biddel l-internet. Konfrontata bil-fatt li fir-rapport li ghamlet nhar it-2 ta' April hija kienet allegat li l-attur kien sakkarha barra mid-dar, l-intimata tikkonferma illi din grat diversi drabi.

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa digriet wara talba maghmula mill-intimata MP permezz ta' rikors datat 24 ta' Settembru 2019 fejn qieghda titlob lil din il-Qorti tordna lill-attur jallonta ruħu mid-dar matrimonjali u sabiex tohorg Ordni ta' Protezzjoni a favur taghha kontra l-attur u dana fid-dawl ta' atti ta' vjolenza domestika kommessi minnu fil-konfront taghha.

Fir-rikors taghha l-intimata tirrileva illi l-attur kien vjolenti diversi drabi b'mod fiziku u morali fil-konfront taghha, tant li kellha tfittex l-ghajnuna medika diversi drabi u anke saru diversi rapport lill-pulizija. Izzid ill l-attur gie kkundannat darbtejn mill-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali, u dawna s-sentenzi jinsabu fi stadju tal-Appell, u ghad hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tal-istess. Illi minhabba dana l-agir, hija kienet kostretta li tfittex refugju gewwa *shelter* ghal persuni vittmi ta' vjolenza domestika f' Lulju tas-sena 2018 u li ghadha tghix hemmhekk sal-gurnata tal-lum.

Da parti tieghu, l-attur fir-risposta tieghu jishaq illi huwa qatt ma gie kkundannat darbtejn minn Qrati ta'Gurisdizzjoni Kriminali kif qieghda tallega l-intimata, stante li l-kazijiet jinsabu fi stadju ta' appell u ghalhekk mhumiex res judicata. Illi fir-rigward tar-rapporti maghmula mill-intimata, l-attur jishaq li dawn huma rapport foloz intizi sabiex jitfghu dell ikrah fuq l-attur. Rigward il-fond matrimonjali, l-attur jindika illi dan inxtara mir-rikavat tal-bejgh ta'propjeta parafernali tieghu gewwa r-Renju Unit, u li l-intimata bl-ebda mod ma kkontribwiet finanzjarjament .

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> ***Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taż-żwieġ u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taż-żwieġ u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeċiedi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża.***

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet*:* ***Julia Coleiro v. Carmel sive Charles Coleiro*** gie trattat l-artikolu tal-ligi in dizamina. F'din is-sentenza l-Qorti

tal-Appell issottolineat il-karattru provvizorju ta' ordni ta' allontanament *pendente lite* kif ukoll l-irrilevanza ghall-finijiet ta' tali ordni dwar min hu proprjetarju tad-dar matrimonjali:-

> ***"L-ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali li tat l-ewwel Qorti, huwa ordni provizorju, li jkollu effett biss sakemm ma jigix revokat, anke mill-istess qorti li emanatu, u kwindi jista' jinghata in camera. L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jghid li, matul iz-zmien li tkun miexja kawza ta' firda, il-qorti kompetenti tista' taghti ordni dwar min mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza."***

Illi ghalhekk din l-ordni mhux sentenza definittiva izda mezz biex tigi protetta l-inkolumita' ta' xi parti pendenti l-kawza, jew biex jigu mharsa l-interessi ta' xi parti.

L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jaghti poter lill-Qorti tiddeciedi min mill-partijiet, fil-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni, ghandu jibqa' joqghod fid-dar taz-zwieg. Il-ligi ma tqisx bhala rilevanti jekk id-dar hijiex parafernali ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-komunjoni tal-akkwisti u taghti fakolta lill-Qorti tordna l-hrug ta' xi parti mid-dar, hi ta' min hi, basta li d-dar tkun id-dar matrimonjali. Jekk id-dar tappartjeni lill-konvenut din tibqa' tieghu, izda l-Qorti tista tordna li din tibqa' a disposizzjoni ta' parti wahda, jekk hekk jidhrilha li jkun gustifikat. Kwindi l-fatt li d-dar taz-zwieg hija parafernali ta' parti, ma jimmilitax kontra l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 46 tal-Kap 16, ma jispecifika ebda cirkostanza ghal ordni ta' allontanament ta' parti fiz-zwieg pendenti l-kawza. Dan naturalment m'ghandux ifisser illi l-Qorti ghandha tordna l-allontament meta ma hemmx raguni ghal dan. Huwa fatt illi f'diversi kawzi ta' separazzjoni personali koppja mizzewga jkunu kapaci jibqghu jghixu b'mod civili taht l-istess saqaf waqt li l-kawza ta' separazzjoni taghhom tkun pendenti; izda dan mhux dejjem huwa possibbli. Il-fatt li l-ligi ma tispecifikax dawk ic-cirkostanzi li jiggustifikaw ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali *pendente lite,* jindika diskrezzjoni pjuttost wiesgha mogthija lill-Qorti fir-rigward.

Illi ghalkemm l-ebda cirkostanza ma hi kontemplata f'dan l-artikolu, huwa evidenti pero' li l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 m'ghandhiex tkun minghajr raguni gravi. Id-diskrezzjoni pjuttost wiesgha moghtija lill-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi ghandha dejjem tigi applikata fid-dawl ta'

cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi matul il-kawza il-partijiet m'ghandhomx jithallew jghixu taht l-istess saqaf, irrispettivament minn min hu proprjetarju tad-dar matrimonjali, u irrispettivament minn dak li finalment tiddeciedi l-Qorti fis-sentenza finali taghha.

Illi l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni huwa regolat mill-provisio tas-sub artikolu relattiv tal-Artiklu 37 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

*(2) Ir-rikors li jkun fih it-talba msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) għandha tkun debitament appuntata għas-smigħ mill-qorti u għandha tiġi notifikata lill-konvenut flimkien mal-avviż ta' dik is-seduta:*

***Iżda meta jkun hemm involuta l-vjolenza domestika, ir-rikors imsemmi għandu jiġi appuntat fi żmien erbat ijiem u l-qorti tista', b'inizjattiva tagħha stess qabel ma tisma' lill-partijiet jew wara, toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u, jew ordni ta' trattament taħt l-artikolu 412D tal-istess Kodiċi, u d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli għandhom japplikaw mutatis mutandis għal ordni maħruġa taħt dan l-artikolu bħal li kieku din kienet ordni maħruġa taħt l-artikolu korrispondentita' dak il-Kodiċi:***

***Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 39,"vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika.***

Il-Qorti rat u ezaminati l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tghaddi biex tezamina c-cirkostanzi u r-rekwizi hemm hekk ndikati.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet, it-tnejn ta' eta' matura, izzewgu fil-25 ta' Lulju 2015 gewwa Surrey, l-Ingilterra, liema zwieg sussegwentement gie registrat Malta. Illi l-partijiet huma kugini, (l-ommijiet ahwa), u ghalhekk ilhom jafu lil xulxin hajjithom kollha. Illi wara li l-partijiet tterminaw ir-relazzjonijiet precedenti taghhom, bdew jikkorrispondu permezz ta' skambju ta' messaggi u anke online, b'dana illi fil-11 t'April 2013, l-attur niezel Malta u r-relazzjoni bejn

il-partijiet bdiet minn hemmhekk. Illi sussegwentement fil-bidu ta' Gunju 2013, l-intimata telghet ir-Renju Unit biex tistabilixxi ruhha mal-attur.

Illi fis-sena 2015, il-partijiet nizlu Malta u nxtrat propjeta hawn Malta. Illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed relattivament brevi stante li ilhom minn Frar tas-sena 2018 *de facto* mifrudin. Illi kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 7* tal-atti, jidher illi l-partijiet kienu ta' eta piutost avvanzata meta zzewwgu u dana stante li filwaqt li l-attur kellu hamsa u tmenin sena (58), l-intimata kellha erbgha u hamsin sena (54).

Illi fir-rigward tal-fond matrimonjali jirrizulta illi l-imsemmi fond u cioe l-penthouse *Violet, Flat 9 Triq Guzeppi Lanzon Wied il-Ghajn* inxtrat in forza tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat 1 ta'Dicembru 2015. Illi l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Lulju 2015 u dana kif indikat mic-certifikat taz-zwieg a fol 7 tal-atti. Jirrizulta ampjament ippruvat illi l-imsemmija propjeta inxtrat mir-rikavat tal-bejgh tal-propjeta parafernali gewwa r-Renju Unit tal-attur u li allegatament l-attrici kkontribwiet l-ammont ta' elf ewro (Eur 1,000) ghax-xiri tal-istess. Din id-dar inxtrat ftit iktar minn erba' xhur wara z-zwieg.

Illi jidher li l-intimata telqet mid-dar matrimonjali **f'Lulju tas-sena 2018,** b'dana illi l-attur ghadu jirrisjedi fl-imsemmi fond. Illi ciononostante, ir-rikors ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni u ghall-izgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali **gie intavolat biss fl-24 ta' Settembru 2019 u cioe trapass ta' aktar minn sena wara li l-intimata allegatament kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali.**

Il-Qorti tosserva illi l-provi esebiti mill-partijiet huma piutost skarsi. Filwaqt li l-Qorti tikkoncedi illi l-partijiet xehdu diversi drabi anke permezz tal-affidavits rispettivi taghhom, il-partijiet naqsu milli jressqu t-testimonjanzi ta' hbieb u familjari, li possibbilment setghu jikkoraboraw il-verzjonijiet kunfliggenti taghhom.

Illi dan qieghed jigi sottolineat minn din il-Qorti fid-dawl tal-fatt li l-intimata *ad exemplum* tixhed illi kien hemm mument partikolari fejn cemplet lil xi hadd minn uliedha ghall-ghajnuna u li anke kienet akkumpanjatha gewwa l-*health centre* mir-ragel t'ohtha. Il-Qorti tosserva ukoll illi f'rapport minnhom hemm indikat li l-intimata kienet fil-presenza ta' certu Desire Vella Brincat.[1] Filwaqt li din il-Qorti tosserva illi f'din l-istanza kif jirrizulta mill-kopja informali

[1] Vide rapport a fol 16 et seq tal-atti tar-rikors bin-numru 196/2018/2.

tas-sentenza tat-12 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo sabet lill-attur hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u anke giet imposta garanzija personali ai termini tal-artikolu 393 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-attur,[2] din il-Qorti tinnota ukoll pero' illi la din il-persuna u lanqas il-qraba li taghmel referenza ghalihom l-intimata fix-xhieda taghha ma xehedu tul il-mori tal-proceduri odjerni. Illi maghdud ma'dan, il-Qorti rat illi fir-rikors taghha l-intimata ssostni illi l-attur gie misjub hati darbtejn u illi dawna is-sentenzi pero ghadhom m'ghaddewx in gudikat. Il-Qorti pero rat **illi l-attrici esebit zewg kopji tal-istess sentenza datata 12 ta' Frar 2019 (vide fol 19-24).**

Filwaqt li qieghed jigi koncess illi l-intimata esebit tlett (3) rapporti li l-hija ghamlet fil-konfront tal-attur fl-atti tar-rikors odjern u cioe dak ghall-izgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali u ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni, dawna r-rapporti qatt ma gew esebiti u kkonfermati mill-ufficjali rispettivi fi hdan il-Pulzija u filfatt jidher li kwalunkwe verzjoni moghtija mill-attur hija ngassata. Il-Qorti osservat ukoll illi kif indikat fir-rapport li jirrakkonta l-episodju tal-allegat twaddib tal-*ironing board* u/jew *horse* tal-inxir, mill-liema akkuzi, l-attur gie liberat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dottor Astrid May Grima datata 5 ta' Gunju 2020[3] skond ma hemm indikat, **jidher li l-intimata kienet irrifjutat li taghmel uzu mis-servizzi tal-Victim Support Unit**. Illi kien biss fl-episodju fejn kienet akkumpanjata minn certu Desiree Vella Brincat li jidher li l-intimata ghazlet li taghmel uzu mis-servizzi tal-Victim Support Unit, li pero' ukoll ma gewx prodotti bhala xhieda.

Illi l-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' Elaine Pavia, *Head of Home u Administrator* ta' Dar Merhba Bik xehet permezz ta' affidavit a fol 281, fejn spjegat illi l-intimata ilha tirrisjedi f' Dar Merhba Bik mis-17 ta' Lulju 2018, illi pero' ma nghatat l-ebda informazzjoni ulterjuri. Fix-xhieda taghha l-intimata tghid li kienet ukoll f'kuntatt mal-Appogg, pero' ukoll ma tressqux bhala xhieda. Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attur naqas milli jesebixxi r-rapport tal-Pulizija tat-2 ta April 2018 u l-messaggi skambjati bejn il-partijiet li saret referenza ghalihom fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021.[4]

Filwaqt li din il-Qorti tifhem illi vittmi ta' vjolenza domestika jkunu mahkuma minn biza' kbira kemm qabel ma jinbeda l-process gudizzjarju ghas-separazzjoni u anke tul dana l-process, il-Qorti jehtiegilha li tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha fuq provi konkreti u

---

[2] Vide kopja informali tas-sentenza a fol 22 fl-atti tar-rikors bin-numru 196/2018/2.
[3] Vide vera kopja tas-sentenza originali a fol 334 et seq tal-atti.
[4] Vide verbal a fol 389.

konvincenti specjalment fid-dawl ta' allegazzjoni ta' vjolenza domestika ta' kwalsiasi natura u/jew forma. Ghalkemm din il-Qorti tifhem li l-intimata P dehrilha il-konvivenza flimkien giet resa impossibbli, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-intimata ma ressqitx provi sufficjenti li jaghtu konfort lill-verzjoni taghha u dak allegat minnha fir-rikors odjern u ghalhekk ma tqisx illi t-talbiet taghha ghandhom jigu milqugha minn din il-Qorti. In oltre, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi f'kawzi fejn si tratta ta vjolenza domestika tal-entita li tikkonstringi lil din il-Qorti tordna l-izgumbrament ta' parti u l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni, it-talba ghall-istess isir b'mod immedjat u mhux bi trapass ta' aktar minn sena zmien.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mir-rikors tal-intimata tal-24 ta' Settembru 2019 billi tichad it-talbiet kollha tal-istess hekk kif dedotti fl-imsemmi rikors indikat.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**